# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-31 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 702/2013 SM**

**Paul u Alexandra konjugi Piscopo**

**vs.**

**Direttur Generali (Dwana)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat iz-19 ta' Lulju, 2013, li permezz tiegħu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi kienu notifikati b'noti ta' qbid numri 31/2013 u 32/2013 (ara foll 3 u 9), li permezz taghhom inqabdu s-segwenti li huma proprjeta` tal-istess:

1.1.1. Bastiment bl-isem *Dimitra* (MFA 6034);

1.1.2. 34,600 litru *"gasoil"*;

1.2. Illi l-istess noti inhargu ghaliex allegatament id-*"diesel"* impurtat *de quo* ma kienx konformi mal-ligi;

1.3. Illi qed jikkontestaw in-noti in kwistjoni;

1.4. Illi qeghdin ghalhekk jitolbu r-rilaxx tal-oggetti lilhom hekk maqbuda mill-intimat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

1.5. Illi r-rikorrenti hu sajjied u jopera bl-imsemmi bastiment;

1.6. Illi *di piu`*, il-bastiment konfiskat hu ta' valur ferm ghola mid-*"diesel"* allegatament importat illegalment;

1.7. Illi ghalhekk jimmerita li l-oggetti hekk konfiskati ghandhom jigu rilaxxati;

1.8. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex din:

1.8.1. Tordna r-rilaxx tal-oggetti fuq elenkati a tenur tal-artiklu 72 u 73 tal-Kap 37 u tal-artiklu 28 (2) tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.8.2. Dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa;

2. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 4);

3.0. Rat ir-risposta datata z-19 t'Awwissu, 2013, li permezz taghha l-intimat sintetikament wiegeb bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 5):

3.1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali mhux notifikat bl-azzjoni odjerna;

3.2. Illi preliminarjament ukoll r-rikorrenti Piscopo ghandu jiddikjara l-interess guridiku tieghu fl-azzjoni odjerna;

3.3. Illi fil-mertu:

3.3.1. L-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.3.2. Illi n-noti ta' qbid in dizamina mahruga fil-konfront tar-rikorrenti huma datati t-23 ta' Mejju, 2013;

3.3.3. Illi l-*"gasoil"* in dizamina kien mahzun f'tankijiet tal-*plastic* fuq l-imsemmi bastiment;

3.3.4. Illi l-qbid gie ezegwit fiz-Zona Kontigwa tat-territorju marittimu Malti;

3.3.5. Illi kien jirrizulta li kien qed isir attivita` irregolari ta' caqliq ta' *"gasoil"* li fuqha dovut id-dazju tas-Sisa u VAT relattiv;

3.3.6. Illi konsegwenza tal-istess, inkissru l-provedimenti tal-Kap 37 u tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.3.7. Illi meta l-ufficcjali tal-Forzi Armati ta' Malta intercettaw il-bastiment in dizamina ma sabu l-ebda tip ta' attivita` konnessa mas-sajd;

3.3.8. Illi minflok sabu tmin (8) tankijiet tal-*plastic* tal-elf (1,000) litru l-wiehed mimlijin ilkoll bil-*"gasoil"*;

3.3.9. Illi *di piu`*, sabu wkoll li l-licenzja tas-sajd tar-rikorrenti kienet skaduta;

3.3.10. Illi l-kaptan tal-bastiment in dizamina ma ta l-ebda twegiba sodisfacenti jew dokumentazzjoni lecita rigward il-provenjenza tal-*"gasoil"* hekk misjub fuq l-istess;

3.3.11. Illi ghalhekk l-istess bastiment inghata struzzjonijiet biex jidhol il-Port il-Kbir ghal aktar investigazzjonijiet;

3.3.12. Illi kien ghalhekk li inhargu n-noti ta’ qbid fuq indikati;

3.3.13. Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li ghandu bzonn il-bastiment in dizamina biex bih jezercita l-professjoni tieghu ta’ sajjied jinghad sintetikament is-segwenti:

3.3.13.i. Illi meta l-bastiment gie intercettat u mizmum, dan ma kellu l-ebda oggett relatat mas-sajd fuqu;

3.3.13.ii. Illi l-asserzjoni tar-rikorrenti li il-bastiment tieghu kien qed jintuza ghas-sajd hi asserzjoni li difficilment tigi emnuta;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

3.5. Illi in konsegwenza tas-suespost jitlob li din il-qorti ghandha:

3.5.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

3.5.2. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

4. Rat il-verbal datat it-23 t’Ottubru, 2013, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, (ara foll 16 u paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), aktar qabel);

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet datat it-22 ta’ Novembru, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-istess, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 229);

6. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-1 ta’ Frar, 2017, (ara foll 232), flimkien man-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat datata t-23 ta’ Marzu, 2017, (ara foll 237);

7. Rat il-verbal datat l-4 t'April, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-intimat iddikjarat li kienet qed tistrieh fuq in-nota minnha pprezentata, (ara foll 250);

8. Tirrileva li l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti ma deherx ghall-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni orali finali, (ara foll 250);

9. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi in sintesi, r-rikorrenti qeghdin jitolbu s-segwenti:

11.1. Illi l-bastiment *de quo* u l-*"gasoil"* konfiskat mill-intimat jigu rilaxxati;

11.2. Illi r-raguni ghal dan hi li m'hemmx proporzjon bejn il-valur tal-*"gasoil"* in dizamina u dak tal-bastiment konfiskat;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi min-naha tieghu l-intimat sintetikament isosstni s-segwenti:

12.1. Illi irrizulta lill-Forzi Armati ta' Malta li s-sistema ta' monitoragg tal-bastimenti abbord il-bastiment Dimitra kienet mitfija, (ara foll 130);

12.2. Illi dan qanqal suspett serju fl-ufficcjali kkoncernati li kienu ghalhekk kostretti johorgu jintercettaw l-istess bastiment madwar erbgha u ghoxrin (24) mil nawtiku 'l boghod minn Delimara, (ara foll 82), li jigi fiz-Zona Kontigwa ta' Malta, (ara foll 102);

12.3. Illi meta eventwalment intercettaw lill-bastiment u spezzjonaw l-istess, ma sabu l-ebda hjiel ta' attivita` ittika jew attrezzatura konnessa mal-istess attivita`, (ara foll 102);

12.4. Illi minflok l-ufficcjali kkoncernati sabu tmin (8) tankijiet tal-*plastic* ta' elf (1000) litru l-wiehed mimlija *"diesel"* jew *"gasoil"*, (ara foll 197);

12.5. Illi l-fjuwil imsemmi fil-paragrafu precedenti ma kienx wiehed approvat lokalment u legali *stante* li ma kellux il-kulur ahmar u s-*Sudan Marker* li juru li jkun thallas id-dazju relattiv fuqu, (ara foll 222);

12.6. Illi ma kienx normali li fuq bastiment ta' dan it-tip ikun hemm dik il-kwantita` ta' kontenituri mferxin fuqu kollha mimlija *diesel*, (ara foll 171);

12.7. Illi *di piu`*, l-istess diesel hekk misjub fl-imsemmija kontenituri ma kienux parti integrali mill-istess magna tal-bastiment *de quo*, (ara foll 171);

12.8. Illi l-bastiment in dizamina jew ir-rikorrenti ma kienux muniti b'licenzja appozita biex minflok li joperaw l-istess bastiment ghas-sajd ibiddlu n-natura tax-xoghol tieghu u minflok igorr il-*"gasoil"*, sdazjat, (ara foll 114 u 126);

12.9. Illi finalment, sid il-bastiment ma ta l-ebda spjegazzjoni plawsibbli dwar il-provenjenza tal-*"gasoil"* in dizamina, (ara foll 19 *et seq.*u foll 28 *et seq.*);

12.10. Illi ghalhekk l-attivita` li l-bastiment kien involut fiha kienet ekwivalenti ghall-attivita` irregolari u illecita ta' garr u transport ta' *"gasoil"* li fuqu kien dovut id-dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur mizjud, liema transport ma kienx debitament licenzjat mill-Awtorita` kompetenti ghat-Trasport;

Ikkunsidrat:

13. Illi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mil-intimat jigi ribadit li din kienet sussegwentement irtirata mill-istess intimat, (ara foll 5, paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), u paragrafu numru erbgha (4), aktar qabel, u foll 16);

14. Illi rigward it-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat, (ara foll 5), jigi sottolineat li din kienet sorvolata fl-istess udjenza tat-23 t'Ottubru, 2013, (ara foll 16);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fir-rigward tal-mertu tal-vertenza odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi l-fatti fuq sintetikament elenkati jindikaw li dan hu kaz ta' kutrabandu ta' fjuwil;

15.2. Illi jirrizulta li meta l-istess bastiment kien intercettat mill-Forzi Armati dan kien fit-territorju Malti, (ara foll 58, 82 u 102), u ghalhekk kien regolarment arresat u mdahhal fil-Port il-Kbir ghal aktar spezzjonijiet approfonditi;

15.3. Illi l-bastiment *de quo* ma kellu l-ebda attrezzaturi ghas-sajd u kien mimli bi tmin (8) kontenituri tal-*plastic* b'elf (1000) litru fjuwil kull wiehed go fih, (ara foll 197);

15.4. Illi l-garr u t-trasport tal-fjuwil *de quo* kien bi ksur tal-ligijiet tad-dwana u tas-sisa;

15.5. Illi ghalhekk in-noti ta' qbid rilaxxati fil-konfront tal-bastiment *de quo* u tal-fjuwil fuqu trasportat kienu legittimi u legali;

15.6. Illi *di piu`*, il-kwantita` ta' fjuwil hekk skoperta fuq il-bastiment in dizamina ma jimmilitax favur it-tezi sollevata mir-rikorrenti li l-istess kien intiz biex jintuza mill-istess bastiment;

15.7. Illi l-indikazzjonijiet rizultanti kollha jindikaw li l-istess rikorrenti kienu involuti fil-kutrabandu ta' prodotti petroliferi taht is-sura ta' bastiment tas-sajd;

15.8. Illi l-animu kriminali hekk mikxuf jirrizulta wkoll mill-fatt li s-sistema tal-monitoragg tal-bastiment uzata fil-bastiment in dizamina irrizultat li kienet volutament mitfija mill-kaptan tal-istess;

Ikkunsidrat:

16. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-artiklu 68 (1) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-bastimenti ... li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni ... fit-tizmim, fil-habi, jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska ghandhom jigu konfiskati";

Ikkunsidrat:

17. Illi hu doveruz ukoll li ssir referenza ghall-artiklu 17 tal-Kap 382 tal-istess ligijiet li jistipula s-segwenti:

> "(1) Jekk oggetti dazjabbli –
>
> "(a) jigu depozitati jew inhbew f'xi post bil-ghan li ssir frodi kontra l-Gvern ghar-rigward tad-dazju tas-sisa li ghandu jingabar bis-sahha ta' dan l-Att...
>
> "jigu konfiskati, flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom u min jaghmel ir-reat jehel iktar minn hekk il-pieni stabbiliti fl-artiklu 16";

Ikkunsidrat:

18. Illi finalment issir ukoll referenza ghall-artiklu 8 tal-Kap 226 tal-istess ligijiet li jistipula s-segwenti:

> "(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartiklu (3), meta bastiment jew ingenju relevanti jkun, fl-ibhra interni jew fl-ibhra territorjali Maltin, jew fiz-zona kontigwa ta' Malta, beda l-insegwiment ta' bastiment susspettat, il-bastiment relevanti jista' jkompli ghaddej bl-insegwiment attiv tal-bastiment suspettat 'l barra bejn sema u ilma basta li dak l-insegwiment ma jkunx gie interrott:

"Izda meta l-bastiment suspettat ikun fiz-zona kontigwa meta jinghata l-ordni biex jieqaf minn ufficjal marittimu ghall-infurzar abbord il-bastiment rilevanti, l-insegwiment jista' biss isir jekk hemm suspett li l-bastiment suspettat ikun ikkommetta reat rilevanti;

"(3) Meta l-bastiment suspettat ikun fiz-zona kontigwa, jista' biss isir insegwiment attiv jekk l-ghemil ta' reat relevanti jkun regonevolment suspettat";

Ikkunsidrat:

19.0. Illi fid-dawl tal-artikoli fuq citati jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi c-cirkostanzi fuq esposti jindikaw li l-bastiment in dizamina kien effettivament ingaggat f'attivita` illecita` kontra l-iskopijiet indikati fil-Kap 382 fuq esposti;

19.2. Illi in effetti l-istess bastiment, filwaqt li ma kellux l-attrezzaturi tas-sajd li suppost kien munit bihom kellu *"floor meter"* biex jikkalkola l-fjuwil, (ara foll 84), liema apparat mhux normali li jkun fuq bastiment tas-sajd, (ara foll 82);

19.3. Illi konsegwentement, jirrizulta assodat li l-azzjoni ta' intercettazzjoni, t'arrest u ta' skorta ezegwita fuq il-bastiment *de quo* hi azzjoni legittima *stante* li hi r-rizultat ta' suspett ragonevoli serju ta' azzjonijiet ta' portata kriminali ezegwita mill-kaptan tal-bastiment in dizamina meta l-bastiment tar-rikorrenti inqabad igorr u jittrasporta fjuwel mhux debitament immarkat mill-awtorita` Maltija kkoncernata u minghajr d-debita awtorizzazzjoni tal-awtorita` kompetenti – u dan kollu, taht is-sura kimerika ta' attivita` ittika biex tostor l-attivita` illecita` u illegali *de quo*;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ppruvaw it-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1 Takkolji r-risposti rimanenti fil-mertu sollevati mill-intimat;

20.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

20.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

20.4. Illi *stante* li jirrizulta li *si tratta* ta' operazzjoni illegali u ta' possibilita` reali li gie ikkonsmat reat ta' natura kriminali, tibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu dawk il-passi kriminali li jidhirlu xierqa fil-konfront tal-persuni kollha li jistghu jkunu involuti fl-esekuzzjoni tal-istess.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**